LINJA GWIDA (UE) 2023/832 TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

tas-16 ta' Diċembru 2022

li temenda l-Linja Gwida (UE) 2016/65 dwar il-haircuts fil-valutazzjoni applikati fl-implimentazzjoni tal-qafas tal-politika monetarja tal-Eurosistema (BĊE/2015/35) *(BĊE/2023/49)*

IL-KUNSILL GOVERNATTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-ewwel inċiż tal-Artikolu 127(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Istatut tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, u b'mod partikolari l-ewwel inċiż tal-Artikolu 3.1, u l-Artikoli 9.2, 12.1, 14.3, 18.2 u l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 20 tiegħu,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 18.1 tal-Istatut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, il-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) u l-banek ċentrali nazzjonali tal-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro (iktar 'il quddiem il-"BĊNi") jistgħu jwettqu operazzjonijiet ta' kreditu ma' istituzzjonijiet ta' kreditu u parteċipanti oħrajn fis-suq, bis-self ikun ibbażat fuq kollateral adegwat. Il-kundizzjonijiet ġenerali li taħthom il-BĊE u l-BĊNi jinsabu lesti biex jidħlu f'operazzjonijiet ta' kreditu, inklużi l-kriterji li jiddeterminaw l-eliġibbiltà ta' kollateral għall-finijiet ta' operazzjonijiet ta' kreditu tal-Eurosistema, huma stabbiliti fil-Linja Gwida (UE) 2015/510 tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2014/60) ([1]).

(2) L-assi kollha li huma eliġibbli għal operazzjonijiet ta' kreditu tal-Eurosistema huma soġġetti għal miżuri speċifiċi tal-kontroll tar-riskju sabiex l-Eurosistema tkun protetta kontra telf finanzjarju f'ċirkustanzi li fihom il-kollateral jkollu jiġi rrealizzat minħabba avveniment ta' inadempjenza ta' kontroparti. Il-qafas ta' kontroll tar-riskju tal-Eurosistema jiġi rrivedut regolarment sabiex tiġi żgurata protezzjoni adegwata. Bħala riżultat ta' dik ir-reviżjoni regolari, il-Kunsill Governattiv iddeċieda fil-15 ta' Lulju 2022 li jintroduċi ċerti bidliet fil-qafas tal-kontroll tar-riskju.

(3) Il-Kunsill Governattiv iddeċieda li jkompli jneħħi gradwalment it-tnaqqis temporanju tal-haircuts fil-valutazzjoni li kienu ġew deċiżi bħala parti mill-miżuri temporanji ta' taffija tal-kollateral meħuda mill-Eurosistema b'reazzjoni għaċ-ċirkostanzi ekonomiċi u finanzjarji eċċezzjonali assoċjati mat-tixrid tal-marda tal-coronavirus (COVID-19). Dan huwa t-tieni pass tat-tneħħija gradwali fit-tnaqqis tal-haircuts fil-valutazzjoni li ġie deċiż mill-Kunsill Governattiv fit-23 ta' Marzu 2022, u se jikkonkludi tali tneħħija gradwali.

(4) Peress li l-profil tar-riskju ta' bonds koperti leġiżlattivi oħra u ta' *multi cédulas* huwa simili għal dak ta' bonds koperti jumbo, il-Kunsill Governattiv iddeċieda wkoll li jenħtieġ li dawn ikunu soġġetti għall-istess valutazzjonijiet tat-telf impost, u għalhekk il-bonds koperti leġiżlattivi kollha u l-*multi cédulas* għandhom jiġu inklużi fil-kategorija tal-haircut II u r-referenzi għal bonds koperti jumbo għandhom jitneħħew mil-Linja Gwida (UE) 2016/65 tal-Bank Ċentrali Ewropew (ECB/2015/35) ([2]).

([1]) Linja Gwida (UE) 2015/510 tal-Bank Ċentrali Ewropew tad-19 ta' Diċembru 2014 dwar l-implimentazzjoni tal-qafas tal-politika monetarja tal-Eurosistema (Linja Gwida dwar id-Dokumentazzjoni Ġenerali) (BĊE/2014/60) (ĠU L 91, 2.4.2015, p. 3).

([2]) Linja Gwida (UE) 2016/65 tal-Bank Ċentrali Ewropew tat-18 ta' Novembru 2015 dwar il-haircuts fil-valutazzjoni applikati fl-implimentazzjoni tal-qafas tal-politika monetarja tal-Eurosistema (BĊE/2015/35) (ĠU L 14, 21.1.2016, p. 30).

(5) Barra minn hekk, il-Kunsill Governattiv iddeċieda li jibdel l-allokazzjoni ta' strumenti ta' dejn maħruġa mill-Unjoni Ewropea minn kategorija haircut II għal kategorija haircut I, minħabba l-komparabbiltà tagħhom ma' strumenti ta' dejn fil-kategorija tal-aħħar f'termini ta' pprezzar kif ukoll riskju tas-suq u tal-likwidità, meta jkun qed isir kontroll għall-klassifikazzjoni tal-kreditu jew il-maturità residwa ta' strument. Dan huwa konformi mal-prinċipji tal-ġestjoni tar-riskju tal-protezzjoni, il-konsistenza, is-sempliċità u t-trasparenza li jirfdu t-tfassil tal-qafas kollaterali tal-Eurosistema, inklużi haircuts fil-valutazzjoni.

(6) Sabiex ikun jista' jsir trattament aktar granulari u xieraq tar-riskji assoċjati ma' strumenti ta' maturità twila, u b'hekk tittejjeb il-kopertura tar-riskju tal-iskeda ta' haircuts, ġie deċiż li l-kategorija tal-istrumenti bl-itwal maturità residwa, (jiġifieri aktar minn għaxar snin ([10, ∞)) tinqasam fi tliet kategoriji ġodda, minn għaxar snin sa ħmistax-il sena ([10, 15)), minn ħmistax-il sena sa tletin snin ([15, 30)) u tletin sena jew aktar ([30, ∞)). Din id-deċiżjoni, flimkien mad-deċiżjoni li jiġi applikat tnaqqis fil-valutazzjoni teoretiku dipendenti fuq il-maturità, hija maħsuba wkoll biex ittejjeb il-granularità tal-kopertura tar-riskju ta' dik il-valutazzjoni teoretika, li hija partikolarment rilevanti għall-istrumenti b'maturitajiet itwal.

(7) Tqies ukoll neċessarju li tiġi speċifikata u aġġustata aktar id-definizzjoni tal-maturità residwa għall-bonds koperti għall-użu proprju, filwaqt li ssir distinzjoni bejn dawk bi struttura "soft bullet", u dawk bi struttura pass-through kundizzjonali, sabiex tiġi evitata żieda mhux ġustifikata (jiġifieri mhux iġġustifikata minn kunsiderazzjonijiet ta' riskju) fil-haircuts fil-valutazzjoni applikati għal dawn tal-aħħar, bħala konsegwenza tal-qsim imsemmi hawn fuq tal-kategorija ta' strumenti ta' dejn b'maturità twila fi tliet kategoriji distinti.

(8) Barra minn hekk, il-Kunsill Governattiv iddeċieda li jissostitwixxi, kemm fil-qafas tal-kollateral permanenti kif ukoll f'dak temporanju, it-tnaqqis fil-valutazzjoni teoretiku fiss attwali ta' 5 % applikabbli għal assi negozjabbli skont l-Artikolu 134 tal-Linja Gwida (UE) 2015/510 tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2014/60) bi skeda ta' tnaqqis gradwata fil-maturità, għall-assi negozjabbli kollha teoretikament ivvalutati ħlief dawk li jaqgħu taħt il-kategorija ta' haircut I. Ir-raġuni għal dan hija li l-kollateral tal-Eurosistema jiġi protett b'mod aktar granulari kontra riskji tal-mudell li jirriżultaw minn valutazzjoni teoretika ta' assi negozjabbli.

(9) Barra minn hekk, bil-ħsieb li jiġu riflessi b'mod adegwat ir-riskji ta' assi negozjabbli b'kupuni varjabbli, u biex tittejjeb il-protezzjoni tar-riskju tal-Eurosistema, ġie deċiż li l-klassifikazzjoni ta' haircut ta' assi negozjabbli tiġi allinjata ma' kupun fiss u dawk b'kupun varjabbli minħabba li wrew livelli komparabbli ta' riskju totali.

(10) Għaldaqstant, il-Linja Gwida (UE) 2016/65 (BĊE/2015/35) għandha tiġi emendata kif meħtieġ,

ADOTTA DIN IL-LINJA GWIDA:

Artikolu 1

Emendi

Il-Linja Gwida (UE) 2016/65 (BĊE/2015/35) hija emendata kif ġej:

(1) fl-Artikolu 2, il-punti (a), (b) u (c) huma mibdula b'dan li ġej:

"(a) strumenti ta' dejn maħruġin minn gvernijiet ċentrali, strumenti ta' dejn maħruġin mill-Unjoni Ewropea, ċertifikati ta' dejn tal-BĊE u ċertifikati ta' dejn maħruġin mill-BĊNi qabel id-data tal-adozzjoni tal-euro fl-Istat Membru rispettiv tagħhom li l-munita tiegħu hija l-euro huma inklużi fil-kategorija ta' haircut I.

(b) strumenti ta' dejn maħruġin minn:

(i) gvernijiet lokali u reġjonali;

(ii) entitajiet li huma istituzzjonijiet ta' kreditu jew istituzzjonijiet mhux ta' kreditu kklassifikati mill-Eurosistema bħala aġenziji u li jissodisfaw il-kriterji kwantitattivi stabbiliti fl-Anness XIIa tal-Linja Gwida (UE) 2015/510 (BĊE/2014/60);

(iii) banek ta' żvilupp multilaterali u organizzazzjonijiet internazzjonali minbarra l-Unjoni Ewropea; kif ukoll bonds koperti leġiżlattivi u *multi cédulas*; huma inklużi fil-kategorija tal-haircut II;

(c) strumenti ta' dejn maħruġin minn:

(i) korporazzjonijiet mhux finanzjarji;

(ii) korporazzjonijiet fis-settur tal-gvern; u

(iii) aġenziji li huma istituzzjonijet li mhumiex ta' kreditu li ma jissodisfawx il-kriterji kwantitattivi stabbiliti fl-Anness XIIa tal-Linja Gwida (UE) 2015/510 (BĊE/2014/60), huma inklużi fil-kategorija ta' haircut III;";

(2) L-Artikolu 3 huwa mibdul b'dan li ġej:

"*Artikolu 3*

Haircuts fil-valutazzjoni għall-assi negozjabbli

1. Il-haircuts fil-valutazzjoni għal assi negozjabbli allokati għall-kategoriji ta' haircut I sa IV għandhom ikunu ddeterminati fuq il-bażi ta':

(a) l-allokazzjoni tal-assi speċifiku għall-pass ta' kwalità ta' kreditu 1, 2 jew 3;

(b) il-maturità residwa tal-assi kif speċifikata fil-paragrafu 2;

(c) l-istruttura tal-kupun tal-assi kif speċifikata fil-paragrafu 2.

2. Għal assi negozjabbli allokati għal kategoriji ta' haircut I sa IV, il-haircut fil-valutazzjoni applikabbli għandha tiddependi fuq il-maturità residwa u fuq l-istruttura tal-kupun tal-assi (fissi/varjabbli jew żero) kif iddeterminata abbazi ta' Tabella 2 fl-Anness ta' din il-Linja Gwida. Il-maturità rilevanti għad-determinazzjoni tal-haircut fil-valutazzjoni għandha tkun il-maturità residwa tal-assi, irrispettivament mit-tip tal-istruttura tal-kupun.

2a. Id-determinazzjoni tal-maturità residwa għal bonds koperti għall-użu proprju għandha tiddependi fuq jekk il-bonds koperti għall-użu proprju għandhomx struttura ta' soft bullet jew struttura pass-through kundizzjonali, kif ġej:

(a) fil-każ ta' bonds koperti għall-użu proprju bi struttura soft bullet, il-maturità residwa għandha tiġi ddefinita bħala t-tul massimu li għalih il-maturità tista' tiġi estiża kif rifless fit-termini u l-kundizzjonijiet għall-bond kopert speċifiku;

(b) fil-każ ta' bonds koperti għall-użu proprju bi struttura pass-through kondizzjonali, il-maturità residwa għandha tikkorrispondi mal-kategorija tas-sena [10,15).

Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu 2a, "użu proprju" għandha tfisser is-sottomissjoni jew l-użu minn kontroparti ta' bonds koperti li jkunu maħruġin jew iggarantiti mill-kontroparti nnifisha jew minn xi entità oħra li magħha dik il-kontroparti jkollha rabtiet mill-qrib kif iddeterminat skont l-Artikolu 138 tal-Linja Gwida (UE) 2015/510 (BĊE/2014/60).

3. Għal assi negozjabbli allokati għall kategorija ta' haircut V, irrispettivament mill-istruttura tal-kupun tagħhom, il-haircuts fil-valutazzjoni għandhom jiġu ddeterminati skont il-ħajja medja ponderata tal-assi kif speċifikat fil-paragrafi 4 u 5. Il-haircuts fil-valutazzjoni applikabbli għall-assi negozjabbli fil-kategorija V huma stabbiliti fit-Tabella 2a fl-Anness ta' din il-Linja Gwida.

4. Il-ħajja medja ponderata tas-segment prijoritarju ta' titolu ggarantit b'assi għandha tiġi stmata bħala ż-żmien medju ponderat li jifdal sakemm isir ħlas lura tal-flussi ta' flus kontanti minn dak is-segment. Għal titoli ggarantiti b'assi mobilizzati miżmuma, il-kalkolu tal-ħajja medja ponderata għandu jassumi li l-opzjonijiet tas-sejħa tal-emittent mhux ser jiġux eżerċitati.

5. Għall-finijiet tal-paragrafu 4, "titoli ggarantiti b'assi mobilizzati miżmuma" għandu jfisser titoli ggarantiti b'assi użati f'perċentwali ikbar minn 75 % tal-ammont nominali pendenti minn kontroparti li oriġinat t-titolu ggarantit b'assi jew minn entitajiet marbuta mill-qrib mal-oriġinatur. Dawn ir-rabtiet mill-qrib għandhom jiġu ddeterminati skont l-Artikolu 138 tal-Linja Gwida (UE) 2015/510 (BĊE/2014/60).";

(3) L-Artikolu 4 huwa mibdul b'dan li ġej:

"*Artikolu 4*

Haircuts fil-valutazzjoni addizzjonali applikati għal tipi speċifiċi ta' assi negozjabbli

Minbarra l-haircuts fil-valutazzjoni stipulati fl-Artikolu 3 ta' din il-Linja Gwida, il-haircuts fil-valutazzjoni addizzjonali li ġejjin għandhom japplikaw għal tipi speċifiċi ta' assi negozjabbli:

(a) l-assi negozjabbli kollha allokati għall-kategoriji ta' haircut II, III, IV u V li teoretikament huma vvalutati skont ir-regoli li jinsabu fl-Artikolu 134 tal-Linja Gwida (UE) 2015/510 (BĊE/2014/60) għandhom ikunu soġġetti għal haircut fil-valutazzjoni addizzjonali fil-forma ta' tnaqqis fil-valutazzjoni. It-tnaqqis fil-valutazzjoni, anki għal bonds koperti għall-użu proprju, għandu jiddependi fuq il-maturità residwa mistennija jew, fil-każ tal-kategorija tal-haircut V, il-ħajja medja ponderata tal-assi, fil-livelli stabbiliti fit-Tabella 4 fl-Anness ta' din il-Linja Gwida. Għall-fini ta' komputazzjoni tat-tnaqqis tal-valutazzjoni għal bonds koperti għall-użu proprju, il-maturità residwa mistennija, għandha tkun id-data ta' maturità skedata oriġinarjament sakemm ma tkunx ġiet attivata estensjoni tal-maturità;

(b) bonds koperti għall-użu proprju għandhom ikunu suġġetti għal haircut fil-valutazzjoni addizzjonali ta': (i) 8 % applikata għall-valur tal-istrumenti ta' dejn allokati għall-istadji 1 u 2 tal-kwalità tal-kreditu; u (ii) 12 % applikati għall-valur tal-istrumenti tad-dejn allokati għall-istadju 3 tal-kwalità tal-kreditu. Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu, "użu proprju" għandu jkollu l-istess tifsira bħal "użu proprju" kif definit fl-Artikolu 3(2a);

(c) jekk il-haircut fil-valutazzjoni addizzjonali msemmija fil-paragrafu (b) ma tkunx tista' tiġi applikata fir-rigward ta' sistema ta' ġestjoni ta' kollateral ta' BĊN, aġent tripartit, jew TARGET għal awtokollateralizzazzjoni, il-haircut fil-valutazzjoni addizzjonali għandha tiġi applikata f'dawk is-sistemi jew pjattaforma għall-valur tal-ħruġ sħiħ tal-bonds koperti li jistgħu jintużaw għal użu proprju."

(4) fl-Artikolu 5, il-paragrafu 5 huwa mibdul b'li ġej:

"5. Strumenti ta' dejn iggarantiti b'ipoteki bl-imnut mhux negozjabbli għandhom ikunu soġġetti għal haircut fil-valutazzjoni ta' 31,5 %.";

(5) L-Anness jinbidel bl-Anness ta' din il-Linja Gwida.

Artikolu 2

Dħul fis-seħħ u implimentazzjoni

1. Din il-Linja Gwida għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tan-notifika tagħha lill-BĊNi.

2. Il-BĊNi għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jikkonformaw ma' din il-Linja Gwida u japplikawhom mid-29 ta' Ġunju 2023. Huma għandhom jinnotifikaw lill-BĊE bit-testi u l-mezzi relatati ma' dawk il-miżuri sa mhux aktar tard mis-17 ta' Frar 2023.

Artikolu 3

Destinatarji

Din il-Linja Gwida hija indirizzata lill-BĊNi.

Magħmul fi Frankfurt am Main, is-16 ta' Diċembru 2022.

Għall-Kunsill Governattiv tal-BĊE
Il-President tal-BĊE
Christine LAGARDE

ANNESS

L-Anness tal-Linja Gwida (UE) 2016/65 (BĊE/2015/35) huwa mibdul b'dan li ġej:

"*ANNESS*

Tabella 1

Kategoriji ta' haircuts għal assi negozjabbli eliġibbli bbażati fuq it-tip ta' emittent u/jew it-tip ta' assi

Kategorija I	Kategorija II	Kategorija III	Kategorija IV	Kategorija V
Strumenti ta' dejn maħruġa mill-gvernijiet ċentrali Strumenti ta' dejn maħruġa mill-Unjoni Ewropea Ċertifikati ta' dejn tal-BĊE Ċertifikati ta' dejn maħruġa mill-banek ċentrali nazzjonali (BĊNi) qabel id-data tal-adozzjoni tal-euro fl-Istat Membru rispettiv	Strumenti ta' dejn maħruġa minn gvernijiet lokali u reġjonali Strumenti ta' dejn maħruġa minn entitajiet (istituzzjonijiet ta' kreditu jew istituzzjonijiet li mhumiex ta' kreditu) ikklassifikati bħala aġenziji mill-Eurosistema u li jissodisfaw il-kriterji kwantitattivi stabbiliti fl-Anness XIIa għal-Linja Gwida (UE) 2015/510 (BĊE/2014/60) Strumenti ta' dejn maħruġa minn banek multilaterali tal-iżvilupp u organizzazzjonijiet internazzjonali għajr l-Unjoni Ewropea Bonds koperti leġiżlattivi Multi cédulas	Strumenti ta' dejn maħruġa minn korporazzjonijiet mhux finanzjarji, korporazzjonijiet fis-settur tal-gvern u aġenziji li ma jkunux istituzzjonijiet ta' kreditu li ma jissodisfawx il-kriterji kwantitattivi stabbiliti fl-Anness XIIa tal-Linja Gwida (UE) 2015/510 (BĊE/2014/60)	Strumenti ta' dejn mhux garantiti maħruġa minn istituzzjonijiet ta' kreditu u aġenziji li huma istituzzjonijiet ta' kreditu li ma jissodisfawx il-kriterji kwantitattivi stabbiliti fl-Anness XIIa tal-Linja Gwida (UE) 2015/510 (BĊE/2014/60) Strumenti ta' dejn mhux garantiti maħruġin minn korporazzjonijiet finanzjarji li ma jkunux istituzzjonijiet ta' kreditu	Titoli garantiti b'assi

Tabella 2

Livelli ta' haircuts fil-valutazzjoni applikati għal assi negozjabbli eliġibbli fil-kategoriji ta' haircuts I sa IV

(f%)

		Kategoriji ta' haircuts							
Kwalità tal-kreditu	Maturità residwa (snin) (*)	Kategorija I		Kategorija II		Kategorija III		Kategorija IV	
		kupun fiss jew varjabbli	kupun żero	kupun fiss jew varjabbli	kupun żero	kupun fiss jew varjabbli	kupun żero	kupun fiss jew varjabbli	kupun żero
Passi 1 u 2	[0,1)	0,5	0,5	1,0	1,0	1,0	1,0	7,5	7,5
	[1,3)	1,0	2,0	1,5	2,5	2,0	3,0	10,0	11,5
	[3,5)	1,5	2,5	2,5	3,5	3,0	4,5	12,0	13,0
	[5,7)	2,0	3,0	3,5	4,5	4,5	6,0	14,0	15,0
	[7,10)	3,0	4,0	4,5	6,5	6,0	8,0	16,0	17,5
	[10,15)	4,0	5,0	6,5	8,5	7,5	10,0	18,0	22,5
	[15,30)	5,0	6,0	8,0	11,5	9,0	13,0	21,0	25,0
	[30, ∞)	6,0	9,0	10,0	13,0	11,0	16,0	24,0	31,5
		Kategoriji ta' haircuts							
Kwalità tal-kreditu	Maturità residwa (snin)	Kategorija I		Kategorija II		Kategorija III		Kategorija IV	
		kupun fiss jew varjabbli	kupun żero	kupun fiss jew varjabbli	kupun żero	kupun fiss jew varjabbli	kupun żero	kupun fiss jew varjabbli	kupun żero
Pass 3	[0,1)	5,0	5,0	5,5	5,5	6,5	6,5	11,5	11,5
	[1,3)	6,0	7,0	7,5	10,5	9,5	12,0	18,5	20,0
	[3,5)	8,5	10,0	11,0	16,0	13,0	18,0	23,0	27,0
	[5,7)	10,0	11,5	12,5	17,0	15,0	21,5	25,5	29,5
	[7,10)	11,5	13,0	14,0	21,0	17,0	23,5	26,5	31,5
	[10,15)	12,5	14,0	17,0	25,5	19,5	28,0	28,5	35,0
	[15,30)	13,5	15,0	20,0	28,5	22,0	31,0	31,5	39,0
	[30, ∞)	14,0	17,0	22,0	32,5	25,0	35,5	34,5	43,0

(*) jiġifieri [0,1) maturità residwa ta' inqas minn sena, [1-3) maturità residwa ta' sena jew aktar u inqas minn tliet snin, eċċ.

Tabella 2a

Livelli ta' haircuts fil-valutazzjoni applikati għal assi negozjabbli eliġibbli fil-kategorija ta' haircut V

(f%)

		Kategorija V
Kwalità tal-kreditu	Ħajja Medja Ppeżata (*)	Haircut fil-valutazzjoni
Passi 1 u 2	[0,1)	4,0
	[1,3)	5,0
	[3,5)	7,0
	[5,7)	9,0
	[7,10)	12,0
	[10,15)	18,0
	[15,30)	20,0
	[30, ∞)	22,0

(*) jiġifieri [0,1) WAL *(weighted average life)* ta' inqas minn sena, [1-3) WAL ta' sena jew aktar u inqas minn tliet snin, eċċ.

Tabella 3

Livelli ta' haircuts fil-valutazzjoni applikati għal pretensjonijiet ta' kreditu eliġibbli

(f%)

Kwalità tal-kreditu	Maturità residwa (snin) (*)	Pagament ta' imgħax fiss	Pagament ta' imgħax varjabbli
Passi 1 u 2	[0,1)	8,0	8,0
	[1,3)	11,5	8,0
	[3,5)	15,0	8,0
	[5,7)	20,0	11,5
	[7,10)	26,0	15,0
	[10,15)	33,0	20,0
	[15,30)	38,0	26,0
	[30, ∞)	40,0	33,0
Pass 3	[0,1)	16,0	16,0
	[1,3)	25,0	16,0
	[3,5)	35,0	16,0
	[5,7)	42,0	25,0
	[7,10)	46,0	35,0
	[10,15)	48,0	42,0
	[15,30)	50,0	46,0
	[30, ∞)	52,0	48,0

(*) jiġifieri [0,1) maturità residwa ta' inqas minn sena, [1-3) maturità residwa ta' sena jew aktar u inqas minn tliet snin, eċċ.

Tabella 4

Livelli ta' tnaqqis fil-valutazzjoni applikati għal assi negozjabbli fil-kategoriji ta' haircut II sa V li huma teoretikament valutati

(f%)

Maturità residwa/Ħajja Medja Ponderata (WAL) (snin) (*)	Tranżazzjoni rriversjata:
[0,1)	1,5
[1,3)	2,5
[3,5)	3,0
[5,7)	3,5
[7,10)	4,5
[10,15)	6,0
[15,30)	8,0
[30, ∞)	13,0

(*) jiġifieri [0,1) Maturità residwa/WAL ta' inqas minn sena, [1-3) maturità residwa ta' sena jew aktar u inqas minn tliet snin, eċċ."